MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 86/1992/1

**Alfred Camilleri**

**vs**

**Joan Camilleri**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 ta' Jannar 1992 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi, il-konvenuta Joan Camilleri rrendiet ruhha hatja lejn l-istanti zewgha ta' adulterju, eccessi, mohqrija, tehdid, ingurji gravi u abbandun, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi, il-konvenuta allontanat ruhha mid-dar konjugali u ghandha f'isimha diversi depoziti fil-banek w investimenti

finanzjarji ohra, u ghandha oggetti li hadet mid-dar, li huma tal-istanti jew tal-komunjoni tal-akkwisti li taghha l-istanti huwa l-kap u l-amministratur;

Illi, l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghall-htija tal-istess konvenuta kif fuq intqal;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Konvenuta ddekadiet mid-drittijiet ikkontemplati fil-**artikoli 48, 49 u 51** b'referenza ghall-**artikoli 38, 41 u 40 tal-Kodici Civili;**

3. Tikkundanna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur l-oggetti kollha, li jigu ghal dan il-fini determinati, li hija hadet mid-dar konjugali u d-depoziti bankarji kollha u investimenti finanzjari ohra f'isimha u tordna dawn iduru fuq isem l-attur *'ope sentenziae';*

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, komprizi dawk li saru fi proceduri fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Awissu 1990 u tas-sekwestri numri 1041 u 2285 tan-1991, li ghandha tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-attur datata 28 ta' Jannar 1992, a fol. 8.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 18 ta' Frar 1992, a fol. 9, fejn eccepit bir-rispett:-

(1) Illi, *in linea* preliminari l-esponenti teccepixxi n-nullita' tal-kawza odjerna *stante* li l-attur qatt ma gie awtorizzat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili biex jipprocedi ghas-separazzjoni personali;

(2) Illi, bla pregudizzju, u fil-mertu mhuwiex minnu li l-eccejpjenti hija hatja tat-tortijiet allegati mill-attur u kwindi l-ewwel zewg talbiet ghandhom jigu michuda;

(3) Illi, it-tielet talba ghandha wkoll tigi michuda *stante* li *in linea* proceduralі hija nammissibbli *stante* li gia la darba l-attur qed jitlob ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, l-unika talba li jista' jitlob l-attur hija l-likwidazzjoni tal-istess komunjoni;

(a) fi kwalunkwe kaz l-unici oggetti li l-eccipjenti hadet huma parafernali taghha u rigward l-oggetti tal-komunjoni dawn semmai jridu jinqasmu skond il-ligi;

(4) Illi, ghar-rigward ir-raba' talba ladarba qed jintalab ix-xoljiment isegwi li trid issir il-likwidazzjoni tal-istess;

(5) Illi, l-ispejjez tas-sekwestri riferiti ghandhom jigu sopportati mill-istess attur li qatt ma ddeduka l-pretensjonijiet tieghu fiz-zmien preskritt mill-ligi tant li l-istess sekwestri gew revokati;

Illi, b'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol.10 u fol. 11 tal-process.

Rat in-nota tal-attur datata 13 ta' Marzu 1992 a fol. 12, li permezz taghha esebixxa d-digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li hu mmarkat bhala Dok. "A1".

Rat il-verbal tat-13 ta' Marzu 1992 fejn il-partijiet u d-difensuri taghhom qablu li l-provi kollha li jingarbu f'din il-kawza jkunu applikabbli ghall-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi Cit. Nru. 1083/91. Il-Qorti ordnat lill-attur biex jipprezenta affidavit bix-xhieda dettaljata tieghu dwar il-kaz u *okkorendo* ta' xhieda ohra minnu ndikati.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 22 ta' April 1992 a fol. 17, li permezz taghha l-konvenuta ghamlet referenza ghall-kopja tad-digriet numru 955/20 moghti mis-Sekond'

Awla u li gie pprezentat mill-attur. Il-konvenuta rrelevat li tali digriet huwa skadut.

Rat il-verbal tal-15 ta' Mejju 1992.

Rat il-verbal datat 16 ta' Gunju 1992, fejn Dr. J. Borg ghall-attur iddefenda l-validita' ghad-digriet moghti mis-Sekond' Awla nru. 955/92.

Rat ir-rikors tal-attur datat 7 ta' Awissu 1992, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti biex jipproduci x-xhieda ta' Lawrence Azzopardi.

Rat id-digriet datat 10 ta' Awissu 1992, fjen il-Qorti rriservat li tipprovdi wara li l-attur jikkonferma bil-gurament il-kontenut tieghu.

Rat ir-risposta ta' Joan Camilleri datata 31 ta' Awissu 1992, a fol. 23.

Rat id-digriet tal-24 ta' Settembru 1992, fejn il-Qorti rriservat li tipprovdi wara li jigi trattat fis-seduta li jmiss.

Rat ir-rikors ta' Dr. Karmenu Mifsud Bonnici, datat 30 ta' Ottubru 1992, a fol.25, fejn talab lil din Qorti biex tiddiferixxi l-kawza.

Rat il-verbal tat-3 ta' Novembru 1992, fejn Dr. Albert Libreri ghall-konvenuta talab aktar zmien ghall-prezentata tan-nota ta' referenzi. Il-Qorti laqghet it-talba.

Rat id-digriet datat 3 Novembru, 1992 fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat il-verbal datat 4 ta' Dicembru 1992, fejn Dr. Joe Borg ghall-attur irrileva li l-konvenuta ghadha ma pprezentatx nota ta' referenza dwar l-eccezzjoni preliminari.

Rat in-nota tal-attur datata 19 ta' Jannar 1993, a fol. 31 li permezz taghha pprezenta l-affidavits ta' Emanuel Camilleri, ta' Carmen Camilleri, ta' Margaret Camilleri, ta' Brian Camilleri u ta' Charmaine Camilleri.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 28 ta' Jannar 1993 a fol.72, li permezz taghha ddikjarat li bi hsiebha taghmel kontro-ezami lix-xhieda li l-attur ipprezenta affidavit taghhom, permezz ta' nota datata 19 ta' Jannar 1993.

Rat il-verbal tal-5 ta' Frar 1993, fejn Dr. Joe Borg ghall-attur iddikjara li bl-affadavit kien fadallu jipprezenta diversi xhieda u obbliga ruhu jipprezenta l-affidavits relattivi.

Rat il-verbal datat 23 ta' Marzu 1993 fejn Dr. Joe Borg ghall-attur talab aktar zmien ghall-prezentata tal-affidavit.

Rat in-nota tal-attur datata 20 ta' April 1993 a fol. 75, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu u diversi dokumenti ohra.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 29 ta' April 1993, li permezz taghha ddikjarat li trid taghmel kontro-ezami ghax-xhieda tal-attur moghtija b'affidavit li gie prezentat permezz ta' nota datata 20 ta' April 1993. Il-konvenuta rrilevat ukoll li hi ma gietx notifikata b'kopja tad-dokumenti esebit permezz tal-istess nota datata 20 ta' April 1993.

Rat il-verbal datat 30 ta' April 1993, fejn Dr. Joe Borg ghall-attur informa lil Qorti li kien fadallu xi xhieda, filwaqt li Dr. Albert Libreri ghall-konvenuta kkonferma li ma kellux aktar provi li seta' jressaq b'affidavit. Gie nominat Dr.Joe Micallef Stafrace bhala Perit Legali.

Rat in-nota tal-attur datata 11 ta' Awissu 1993 a fol. 138 li permezz taghha pprezenta l-affidavits ta' Charmaine Camilleri u Emanuel Camilleri.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 3 ta' Settembru 1993 a fol. 141, li permezz taghha rriservat id-dritt tal-kontro-ezami fuq ix-xhieda moghtija permezz ta' affidavit, li gew prezentati permezz ta' nota datata 11 ta' Awissu 1993.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 22 ta' Settembru 1993, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha

tipproduci x-xhieda ta' zewg persuni li ma kinux imsemmija fic-citazzjoni.

Rat id-digriet datat 27 ta' Settembru 1993, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat il-verbal datat 8 ta' Ottubru 1993, fejn il-Perit Legali nforma lil Qorti li l-provi qed jingabru.

Rat il-verbali datati 14 ta' Jannar 1994, 22 ta' Marzu 1994 u 20 ta' Mejju 1994.

Rat ir-rikors tal-attur datat 2 ta' Awissu 1994 a fol. 151, fejn talab biex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tisma' l-provi dwar incident li kien sehh, talab ukoll li l-Qorti taghti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportunti biex fl-interess tal-gustizzja, ix-xhieda tal-attur ma jigux avvicinati mill-konvenuta jew minn xi hadd imqabbad minnha.

Rat id-digriet datat 10 ta' Lulju 1994, fejn il-Qorti rriservat li tipprovdi dwar ir-rikors wara li l-attur jindika kemm il-xhud fadallu u x'inhu l-iskop ta' kull wiehed minn dawn ix-xhieda.

Rat il-verbal datat 12 ta' Ottubru 1994.

Rat in-nota tal-attur datata 11 ta' Novembru 1994 a fol. 155, li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta' Carmen Camilleri.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 23 ta' Novembru 1994 a fol. 159, fejn iddikjarat li tirriserva d-dritt li taghmel kontro-ezami lil Carmen Camilleri, li l-affidavit taghha gie prezentat permezz ta' nota datata 11 ta' Novembru 1994.

Rat il-verbali datati 6 ta' Dicembru 1994, 8 ta' Marzu 1995, 31 ta' Mejju 1995 u 14 ta' Novembru 1995.

Rat il-verbal datat 13 ta' Marzu 1996 fejn il-Qorti osservat li din il-kawza qed tiehu fit-tul u ordnat lill-Perit Legali biex izomm is-seduti regolari.

Rat il-verbali datati 14 ta’ Mejju 1996, 4 ta’ Gunju 1996, 27 ta’ Novembru 1996, 9 ta’ April 1997, 21 ta’ Mejju 1997, 29 ta’ Ottubru 1997 u 26 ta’ Novembru 1997.

Rat il-verbali datat 4 ta’ Marzu 1998, fejn il-Perit Legali nforma lil Qorti li kien hemm il-htiega ta’ aktar seduti.

Rat il-verbali datati 6 ta’ Mejju 1998, 14 ta’ Ottubru 1998, 13 ta’ Jannar 1999 u 10 ta’ Marzu 1999.

Rat il-verbali datat 19 ta’ Mejju 1999, fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex izomm sensiela ta’ seduti peress li l-kawza ilha zmien pendenti.

Rat in-nota tal-attur datata 20 ta’ Awissu 1999 a fol. 184, li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta’ Vincent Borg u dak ta’ Dr. Joseph Borg.

Rat in-nota ta’ Joan Camilleri datata 7 ta’ Settembru 1999, li permezz taghha rriservat il-kontro-ezami tax-xhieda ta’ Dr. Joseph Borg u ta’ Vincent Borg.

Rat in-nota tal-attur a fol 190 datata 21 ta’ Ottubru 1999, li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal datat 27 ta’ Ottubru 1999 fejn il-Qorti osservat li wara dawn is-snin kollha, l-attur ipprezenta tlett affidavits mill-ahhar differiment. Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex izomm seduta finali u fil-kaz ta’ diffikulta’, jinforma lil Qorti.

Rat ir-rikors tal-attur datat 10 ta’ Jannar 2000 a fol. 193, fejn talab lil din il-Qorti biex joghgobha tordna l-hrug ta’ Mandat ta’ Skorta kontra George Fenech biex jixhed u jipprezenta d-dokumenti fuq imsemmijin.

Rat id-digriet tal-14 ta’ Jannar 2000, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat il-verbal datat 26 ta’ Jannar 2000.

Rat il-verbal datat 16 ta' Frar 2000, fejn fuq domanda tal-Qorti l-konvenuta kkonfermat li ma kellhiex aktar provi u nfurmat lil Qorti li George Fenech kien il-propjetarju tal-Lukanda Dolmen fejn ilha tahdem ghal dawn l-ahhar tmien snin u nofs u mpenjat ruhha li tezebixxi kopji tal-P3s tal-ahhar snin.

Rat il-verbal datat 30 ta' Marzu 2000, fejn il-konvenuta pprezentat kopji tal-formula P3 mill-bidu tal-impjieg fl-1991, sad-data tal-verbal.

Rat il-verbal datat 10 ta' Mejju 2000.

Rat in-nota tal-attur datata 10 ta' Mejju 2000, li permezz taghha prezenta erba' dokumenti.

Rat in-nota tal-attur datata 9 ta' Gunju 2000 li permezz taghha prezenta l-P3s tieghu.

Rat il-verbal tad-9 ta' Gunju 2000 fejn xehdet Joan Camilleri.

Rat ix-xhieda ta' Joan Camilleri minn fol 267 sa fol 268.

Rat ir-rikors tal-attur datat 16 ta' Awissu 2000, fejn hu talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda s-smiegh tax-xhieda ta' John Cutajar ghas-seduta tal-1 ta' Novembru 2000.

Rat id-digriet tal-31 ta' Awissu 2000, fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali jkompli bis-smiegh tax-xhieda u wara li jkunu ngabru l-provi l-ohra, il-Qorti tghaddi biex tiddekreta dwar ir-rikors odjern.

Rat il-verbali tal-1 ta' Novembru 2000 u tat-12 ta' Jannar 2001.

Rat il-verbal datat 14 ta' Frar 2001, fejn il-Qorti rrilevat li l-attur, *nonstante* l-verbal precedenti, ma harrikx lil George Fenech u deplorat il-fatt li x-xhud Cutajar gie abbusivament informat li ma kellux ghalfejn jigi ghall-udjenza tal-lum. Il-Qorti rrilevat ukoll li l-attur ilu bizzejjed

biex jaghlaq il-provi tieghu u fid-dawl tal-verbali precedenti, ordnat lill-attur biex iharrek mill-gdid lil John Cutajar u anke' lil George Fenech ghall-udjenza li jmiss bl-intiza li wara l-Perit Legali jkun awtorizzat jestendi r-relazzjoni fuq il-provi migbura.

Rat in-nota tal-attur datata 9 ta' Marzu 2001, a fol. 229 tal-process.

Rat il-verbal datat 9 ta' Marzu 2001, fejn xehed John Cutajar. Il-Qorti rrilevat li tali seduta kienet ukoll biex l-attur iharrek lil George Fenech. Dr. Borg iddikjara li ma kienx ser iharrku peress li kien ottjena d-dikjarazzjoni mehtiega minghandu u ezebixxa nota b'din id-dikjarazzjoni.

Rat ix-xhieda ta' John Cutajar minn fol. 285 sa fol. 286.

Rat il-verbal datat 16 ta' Mejju 2001 fejn Dr. Albert Libreri rrileva li biex isir ir-rapport tal-espert legali kien jehtieg li tigi valutata d-dar matrimonjali li fiz-zmien tat-tali verbal kienet okkupata minn Alfred Camilleri.

Rat il-verbal datat 27 ta' Gunju 2001, fejn gie nominat David Pace bhala Espert Tekniku biex jaghmel stima tad-dar matrimonjali.

Rat il-verbal datat 10 ta' Ottubru 2001.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku David Pace minn fol. 296 sa fol. 301.

Rat il-verbal datat 16 ta' Novembru 2001 fejn David Pace kkonferma r-rapport. Il-Qorti awtorizzat lill-Perit Legali biex jirtira l-istess rapport u jestendi r-relazzjoni.

Rat il-verbal datat 23 ta' Jannar 2002 fejn il-Qorti ordnat lil Dr. Joseph Micallef Stafrace biex jipprezenta r-relazzjoni.

Rat il-verbal datat 13 ta' Marzu 2002 fejn Dr. Joseph Micallef Stafrace talab aktar zmien ghall-prezentata tar-rapport.

Rat il-verbal tat-8 ta' Mejju 2002, fejn il-Qorti rrilevat li r-rapport ghadu ma giex ipprezentat.

Rat il-verbal datat 12 ta' Lulju 2002 fejn Dr. Joseph Micallef Stafrace talab aktar zmien ghall-prezentata tar-rapport.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali minn fol. 308 sa fol. 356 tal-process.

Rat il-verbali datati 8 ta' Ottubru 2002 u 28 ta' Novembru 2002.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Joseph Micallef Stafrace minn fol. 572 sa fol. 615.

Rat il-verbal datat 5 ta' Dicembru 2002 fejn Dr. Joseph Micallef Stafrace halef ir-rapport. Il-Qorti awtorizzat lill-partijiet biex jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet finali, partilarment fid-dawl tar-rapporti peritali sa l-20 ta' Dicembru 2002.

Rat in-nota ta' osservazzjoni ta' Alfred Camilleri datata 19 ta' Dicembru 2002.

Rat il-verbal datat 9 ta' Jannar 2003, fejn Dr. Albert Libreri talab aktar zmien biex jipprezenta n-nota tieghu.

Rat il-verbal datat 8 ta' April 2003.

Rat il-verbal datat 14 ta' Mejju 2003 fejn il-kawza dehret seduta *stante* quddiem din il-Qorti ghall-ewwel darba kif presjeduta, u fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 2004.

Rat ix-xhieda kollha quddiem il-Perit Legali.
Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>(II). KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

**(I) PROVI.**

Illi din hija kawza istitwieta mill-attur fejn qed jitlob s-separazzjoni personali minn martu istitwieta fit-28 ta' Jannar 1992, u li ghalhekk ilha pendenti hdax-il (11) sena, meta huwa ovvju u car li kawza ta' dan it-tip qatt ma kellha iddum daqshekk, u dwar dan din il-Qorti ser taghti wkoll il-provedimenti taghha opportuni.

Illi intant minbarra din il-kawza hemm kawza fl-ismijiet inversi **"Joan Camilleri vs Alfred Camilleri"** (Citaz. Numru 1083/91/RCP) istitwieta fl-24 ta' Ottubru 1991, liema kawzi huma ovvjament konnessi, u fil-waqt li din il-Qorti tikkonferma l-konnessjoni tal-kawzi kif gja gie degretat minn din il-Qorti diversament presjeduta, tordna wkoll li konsegwenti ghal tali konnessjoni ta' kawzi li l-provi f'din il-kawza jigu kkunsidrati bhala provi fil-kawza l-ohra, u l-istess l-provi fil-kawza l-ohra jigu kkunsidrati bhala provi f'din il-kawza wkoll.

Illi intant bhala provi l-kontendenti pprezentaw affidavit kull wiehed. *Oltre'* dawn hemm:

1. Affidavit ta' kull wiehed mit-tlett ulied, kollha maggorenni.

2. Affidavit ta' Emanuel u Carmen konjugi Camilleri – hbieb tal-kontendenti.

3. Affidavit ta' Raymond Calleja, kollega tax-xoghol ta' l-attur.

4. Affidavit ta' Edward Sciberras u Joseph Sciberras – ahwa tal-konvenuta Joan Camilleri.

5. Affidavit ta' Lina Grima habiba ta' Joan Camilleri.

6. Affidavit ta' Vincent Borg, u iehor ta' Dr. J. Borg dwar fejn raw lil Joan Camilleri.

8. Affidavit ta' Lawrence Azzopardi – habib ta' Joan Camilleri u Thomas Spiteri (dan tal-ahhar ragel separat minn martu u prezentat mill-attur bhala habib ta' Joan Camilleri u nisa ohra).

Barra dawn hemm xiehda *viva voce* u prova dokumentarja, kollox kif elenkat fil-parti ta' quddiem, antecedenti r-relazzjoni tal-perit legali u li tinsab indikata a fol. 573 tal-process.

Illi l-affidavits tal-konjugi Camilleri huma dettaljati u hemm ukoll affidavits u xhieda ohra dettaljati. Hawn ser jinghad fil-qosor x'fihom izda wiehed irid ihares lejn l-affidavits u xhieda u dokumenti fl-interezza taghhom.

Illi l-attur fil-bidu tal-affidavit tieghu pogga sebghu fuq ferita ewlenija: il-hbiberija ta' marti ma certu Thomas Spiteri. Fir-rigward l-attur qal dan:-

*"Illi, marti qeghda ma' certu Thomas Spiteri. Anke' qbadtha mieghu. Insemmi okkazzjoni partikolari. Ta' spiss kien icempel it-telefon u meta nwiegeb jien jew xi hadd minn uliedi min icempel kien jaqta'. Dan dam sejjer hekk ghal zmien twil. Allura ddecidejt li naghmel xi haga. Akkwistajt set tat-telefon u wahhaltu f'post fejn marti ma setghetx tarah";*

*"Illi, darba minnhom cempel it-telefon u rrispondiet marti. Jien bdejt nissemma' mit-telefon li wahhalt. Smajtha tghid b'lehen gholi biex nismaghha jien, li hadd ma kien joqghod hemm b'dak l-isem. Ir-ragel li kien ikellimha wegibha: "Jien hawn qieghed, meta trid ikkontattjani". Jiena gharaftu li kien Thomas Spiteri li kellimha, ghaliex dan ghandu lehen partilari li jiena ngharfu".*

*"Illi, kont iltqajt mieghu meta konna go restaurant f'Paceville jien u l-mara u hbiebha ohrajn, fejn konna qed niccelebraw Mothers' Day. Waqt li konna hemm dahal dan Thomas Spiteri. Mill-ewwel deher li kien jaf li konna morna hemm. Mar fil-bar jixrob ma' Manuel Camilleri, wiehed mill-hbieb li semmejt. Dan introducieni mieghu u qalli li kien Thomas Spiteri. Ftit wara qalli li dan Thomas*

*kellu l-inkwiet ma' martu. Dak iz-zmien ma kontx naf li marti kienet diga' qed tibdilni mieghu. F'hin minnhom marti staqsiet lil Manwel Camilleri: "Dak mhux dak ir-ragel li jkun ghandkom?". Qalet hekk bhallikieku ftit li xejn kienet tafu lil Thomas Spiteri, imma fl-istess hin inkixfet li kienet tafu meta kienet tkun ghand dawk Camilleri u Thomas Spiteri kien ikun hemm ukoll".*

Hawnhekk ta' min mill-ewwel jghid min hu Thomas Spiteri.

a. Hu ragel separat minn martu b'sentenza tal-Qorti – Dok. "A28" li tati t-tortijiet kollha lir-ragel u ssemmi li dan ma kienx ihobb jahdem, kellu l-vizzju tal-loghob u kien dejjem midjun u kien jissellef (b'lista ta' kredituri ma tispicca qatt). Issemmiet hbiberija ma' habiba fl-Awstralja, issemmiet certa Hilda Callus u certa Joan.

b. Gew esibiti atti ta' subasta kontra Thomas Spiteri – Dok "A 29" u "A 30".

c. Hemm l-affidavit ta' **Lawrence Azzopardi** fol 250 *et. seq.)* u kartolina minn dan esibita (fol 249) dwar ittra ta' mhabba u kartolina li x-xhud intercetta (ghax waslet f'daru), lil "my dearest Thomas" minn *Maggie,* datata 26 ta' Mejju 1992.

Illi fix-xhieda ta' Lawrence Azzopardi ssir referenza aktar ampja ghaliha meta jigi kunsidrat dan x'qal dwar il-hbiberija bejn Thomas Spiteri u Joan Camilleri.

Illi dwar il-hbiberija ta' martu ma' Thomas Spiteri, l-attur beda biex irrakkonta kif gej:-

*"Illi, fis-27 ta' Gunju 1990 it-telefon cempel darbtejn u kull darba jaqta'. Meta saru xi l-ghaxra, Joan qalet li kienet ser iccempel lill-habiba taghha Lina ghaliex kellha taghtiha xi flus ta' qalziet. Kif Joan bdiet titkellem jien issemmajt mit-telefon sigriet u sibt li flok cemplet lil Lina, kienet qed iccempel lil Thomas Spiteri. Dan qalilha: "Smajthom is-sinjali?" jigifieri z-zewg telefonati b'intervall bejniethom u li bhalhom kont smajt drabi ohra qabel. Joan wegbitu li*

*kienet semghathom. Hu kompla jghidilha b'ton ta' karezza: "Joanie, hadt pjacir xejn il-bierah?" Hi wegbitu: "Insomma". Hu qalilha: "Aqta' kemm irqadt jien!" U zied jghid: "Ftahtu l-pakkett?" Inzerta li d-dar ma kellniex ilma u Joan qaltlu b'dan. Qalilha: "Kieku Freddie ma kienx hemmhekk kont ingiblek ftit jerry cans bl-ilma". Imbaghad ftehmu biex jiltaqghu l-ghada fid-9.15 ta' filghodu u ghamlu l-arrangamenti. Thomas qalilha li jghaddi minn hdejna u jaghmlilha s-sinjal, imbaghad jistenniha bhas-soltu warajna. Spicca jghidilha: "Oqghod bil-ghaqal ! Narak ghada!".*

Illi mbaghad l-attur irrakkonta kif l-ghada segwa lil martu li rikbet ma' Thomas Spiteri ftit 'l hinn mid-dar konjugali (f' B'Kara) mentri hu, li kien taparsi mar ghax-xoghol bhas-soltu, mar *Pillion Rider* ma' siehbu tax-xoghol Raymond Calleja.

Illi Joan u Thomas marru 'l gewwa minn M'Xlokk fejn Thomas neza' gharwien quddiem Joan u libes il-malja u Joan nezghet quddiemu *topless* u libset il-malja. Wara bdiet tidlek bil-*cream* lil Thomas. Allura Raymond Calleja gibdilhom ir-ritratti u l-attur mar irrinfaccja lil marti li "fferocjat" u bdiet tghajru. Ir-ritratti gew essibiti bhala Dok. "A1" sa Dok. "A22" mal-affidavit ta' Calleja (a fol 32 et seq).

Illi allura Joan aktar tard cemplet lil zewgha minghand il-hbieb komuni l-konjugi Emanuel u Carmen Camilleri. Emanuel Camilleri staqsa lill-attur kienx lest jahfer lil martu u dan wiegbu affirmativament basta marti tibdel hajjitha.

Illi wara dan izda l-hajja bejniethom baqghet bierda u eventwalment Joan allontanat ruhha ghal kollox mid-dar wara li l-affarijiet zvolgew hekk:-

*"Illi, fl-ewwel ta' Awissu 1990, Joan harget minn filghodu u rritornat ghal xi l-4p.m. Dak il-hin jiena u t-tifel Brian konna d-dar wehidna. Milli jidher rat xi ilma fl-art taht is-sink tal-kcina u nfexxet tghajjarna li pixxejna apposta taht is-sink*

*biex imbaghad ikollha timshu hi. Dak il-hin ma damitx id-dar ghaliex biddlet u regghet harget l-barra;*

*Illi, meta giet lura sajret ftit kawlata u bdiet tghidilna, lili u lil uliedi, li kellna xorti sajritilna, u nfexxet tghajjarna li minghajrha ma kellna l-hila naghmlu xejn. Telghet fuq u baqghet tghajjat minn fuq;*

*Illi, t-tifel Brian milli jidher ma felahx jismaghha tgerger u tghajjarni. Qalilha biex tiskot inkella kien ser jitla' ghaliha. Hi rrispondietu li ma kinitx ser tibza', u t-tifel tela' fuq. Hi waddbitlu z-zarbun. Hu gabar zarbuna mill-art u baqa' tiela' biha fuq. Imbaghad qabdu f'xulxin. Jien tlajt nigri u ferraqthom. Wara, hi nizlet isfel kollha rabja u ippruvat iccempel lil huha, izda bir-rabja li kellha ma setghetx issib in-numru tat-telefon tieghu u qabdet tfarrak kull ma kien hemm fuq il-mejda tat-telefon u fil-vicin;*

*Illi, it-tifel Brian qalilha biex lil huha ma ggibux id-dar, izda hi cemplitlu u qaltlu li jiena u t-tifel konna qbadna fiha. Sadattant, jien kont tlajt fuq biex nistrieh u mteddejt. Ftit wara gie huha Edward Sciberras, u qabad jaghti lit-tifel. X'aktarx li t-tifel biex jiddefendi ruhu minn zijuh qabad sikkina tal-hobz biex ibezzghu biha;*

*Illi, meta jien smajt l-ghajjat, inzilt nigri, sibt lit-tifel kollu dmija u 'l Joan u huha jsawtuh. Ferraqthom biex ma jkomplux isawtuh u mort qghadt bil-qieghda fuq it-tarag ghax inkwetajt ruhi. Gie huha fuqi u beda jtini daqqiet ta' ponn. Laqatni fuq ghajni u fuq wicci. Qasamli wicci u imlieni bid-demm. Imbaghad Joan u huha telqu 'l barra. Jien biddilt u mort mat-tifel l-ghassa tal-pulizija B'Kara. Hemmhekk sibna lil Joan u lil huha jaghmlu rapport;*

*Illi, meta s-surgent tal-Pulizija ra lili u lil ibna kollna dmija baghatna l-Polyclinic biex niddewwew u ngibu certifikat mediku. Ahna morna l-Polyclinic fejn dewwewna, u irritornajna l-ghassa tal-Pulizija, tajna c-certifikat tat-tabib lis-surgent u dan nizzel ir-rapport taghna tal-incident. F'dak il-hin Joan u huha ma kienux prezenti fl-ghassa tal-Pulizija;*

*Illi, meta wasalt id-dar sibt li Joan kienet hadet il-kotba tal-bank li kienu f'isimha u l-oggetti kollha tad-deheb kemm taghha kif ukoll tieghi*;

*Illi, minn dakinhar marti qatt izjed ma raqdet id-dar. Kienet tigi kultant biex tiehu xi affarijiet mid-dar".*

Illi mbaghad Alfred Camilleri irrakkonta kif hu u martu kellhom *flat* prenotat Ghawdex flimkien mal-hbieb Emanuel u Carmen Camilleri u f'dak il-*flat* Joan spiccat marret ma Thomas Spiteri. Sadattant li Spiteri stabbilixxa hbiberija ma' Joan kien "poggut" ma' certa Hilda Callus skond ma din stess qalet lil Alfred Camilleri. Hu kien sema' l-ewwel darba b'isem Thomas Spiteri fl-1989 meta sab karta tal-mara b'notament ta' self lil dan. Meta qal b'dan lil marti din infexxet f'daghdiegha u hatfitlu l-karta u qalet li dik kienet cajta. Hu anke' sibilha n-numru tat-telefon tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet, Paola, fejn kien jahdem Thomas.

Illi meta Joan bdiet il-proceduri ta' separazzjoni fis-Sekond' Awla l-attur sostna li kienet dahqet bl-Onorevoli Imhallef sedenti meta qalet li fi xjuhitha ma kinitx ser tahdem. Wara id-digriet li kien akkordalha l-manteniment dan gie revokat ghax instab li Joan kienet tahdem fid-Dolmen Hotel, Bugibba.

Illi **Alfred Camilleri** kompla hekk:-

*"Illi, sirt naf ukoll li Joan kienet xtrat karrozza lil Thomas Spiteri li sadattant kien telaq lil Hilda Callus u pogga ma marti. Din il-karrozza hallithielu f'idejh u kien jigri biha. Il-licenzja tal-karozzza ghamlitha f'isimha, kif jidher mir-ritratti Dokument A 23 (a fol 57 tal-process) li juru l-karozzza VW u l-licenzja f'isem marti bl-indirizz ta' huha Eddie. Il-karozzza ma dawrithiex fuq Thomas Spiteri minhabba d-dejn li dan kellu u proceduri ta' qbid u subasta. Dik il-karrozza hija left-hand drive".*

Illi billi parti sew mill-affidavit ta' Alfred Camilleri kienet b'risposta ghal dik ta' marti, ikun sew li hawn issir referenza ghal dak li qalet Joan Camilleri.

Illi l-konvenuta, Joan Camilleri qalet li huma zzewgu xi sena u nofs wara li saru jafu lil xulxin. Izzewgu daqshekk malajr ghax Alfred kien jghidilha li kien imdejjaq f'dar il-genituri ghax kienu spiss jiggieldu. Alfred Camilleri cahad dan u qal li hu kellu *scholarship* ta' sitt snin l-Ingilterra u kien jinzel Malta kull sena u ltaqa' ma' Joan. Hu ma riedx gherusija twila ghax lil Joan kien ihobbha u mhux ghax kien hemm glied bejn il-genituri tieghu.

Illi Joan Camilleri qalet li meta zzewgu marru f'terran b'kiri fi G'Mangia. Harget tqila wara 3 xhur u ftit wara kellha *miscarriage.* It-tabib qalilha li dan gara ghax kienu jimxu wisq (dan hi tattribwieh ghax-xehha ta' zewgha). Alfred Camilleri cahad dan u qal li kienu jimxu ghax it-tnejn kienu jhobbu l-mixi u t-tabib qalilha biex kemm jista' jkun ma juzawx il-*buses* minhabba l-iskossi. It-tlett itfal tweldulhom fl-isptar S. Katerina u ghal kull bzonn kienu jinqdew f'dan l-isptar privat.

Illi wara dan Joan qalet li zewgha kien jaqdi lil niesu a skapitu tieghu stess. Alfred Camilleri irribatta li kien hu li lill-genituri taghha biddlilhom is-sistema tal-elettriku u l-ilma fid-dar taghhom liema dar ghadu joqghod fiha Joseph Sciberras, hu Joan, li ghadu guvni. Kien anke' jsewwilhom l-affarijiet *"izda kienet tirribella meta kont nigi biex naghmel xi xoghol lil niesi jew lil hbiebi, u kienet tgergirli".* Meta ommha mardet kienu jaghmlu ghandha xahar huma u xahar oht Joan. Hu ta wkoll dettalji ohra. Cahad li kien jerfa' jdejh fuq martu minhabba tilwim dwar il-familji.

Illi Joan Camilleri qalet li zewgha l-paga kien ipoggiha f'kexxun u meta kienet trid taghmel ix-xirja kien imur maghha. Meta kienu jitlewmu kien isakkrilha l-kexxun tal-flus u gieli wzat flus tal-imghaxijiet taghha. Kien anke' jerfa' jdejh fuqha dwar il-flus. Dwar swat kienet gieli tghid lil huha Eddie "u gieli kienet iddewwini binti stess Margaret" (dwar dan irriferiet ghal-certifikat Dok. "JC1").

Illi hi kienet toggezzjona li zewgha, minkejja li kellu paga tajba, kien jaghmel xoghol *part-time*. Dana ghax kien

ihalliha wehidha. Wara beda jaghmel xoghol id-dar u dan kien idejjaqha minhabba tribien u rieha u hsejjes. Kien hemm ilmenti tal-girrien u anke’ mit-tfal.

Illi l-konvenuta kompliet li meta kien ikollhom xi jghidu, zewgha kien jitlaq ‘l barra granet shah u ma jigix qabel tard bil-lejl “*Sakemm wara xi tlieta u ghoxrin sena nissaporti daret il-folja ghax jien bdejt nohrog kuljum biex inderri”.*

Illi meta rrangat ma’ hutha biex imorru Catania hu ma marx maghhom ghax qal li ma riedx jonfoq flus – dana avolja offrietlu li thallas hi u anke’ offrielu li jhallaslu huha Eddie.

Illi billi missierha kien ikkommetta suwicidju, zewgha kien *“jghajjarni mignuna bhal missieri”.*

Illi hi applikat is-Seckond’ Awla ghas-separazzjoni u ghall-manteniment meta zewgha rrifjuta li jtiha Lm40 fix-xahar ghall-ispejjes personali taghha u l-bqija jiehu hsiebu hu. Kien anke’ jghoddilha l-flus qabel tohrog u jghoddhomlha wara li tidhol.

Illi mbaghad hi tat il-versjoni taghha tal-incident li qam bejn binha Brian u huha Eddie, li semma’ Alfred Camilleri ( ara paragrafu 19 tal-affidavit ta’ Joan Camilleri). Wara dan l-incident allontanat ruhha mid-dar. Marret biss biex tiehu hwejjeg taghha. Zewgha kien jinsulentaha *“u t-tfal bdew jidhru li kienu gew mghawwija kontra tieghi minnu u allura ma bqajtx immur”.* L-incident ta’ Brian spicca l-Qorti u hi hafritlu.

Illi hi ppruvat izzomm kuntatt mat-tfal izda dawn ma rreciprokawx.

Illi fl-affidavit tieghu Alfred Camilleri jichad li hu kien johrog wahdu jew li jzomm lura fil-flus jew li jikkoncentra wisq fuq xoghol *part-time* id-dar, jew li kien jikkaguna inkonvenjenza. Fl-affidavit hemm hafna dettalji li wiehed jirriferi ghalihom. Hemm ukoll dettalji dwar in-nuqqas ta’ affjatament tieghu mal-familja ta’ martu u tal-mara mal-

familja ta' zewgha. Hu ntenta wkoll jispjega ghala kien gustifikat li jaghmel il-geddum. Semma' anke' l-qaghda fl-Ingilterra tieghu u ta' Joan u nsista li din kienet kuntenta.

Illi hu spejga li ma riedx imur Catania ma' martu ghax ried jiehu l-okkazzjoni biex igieghel lil martu ha tkellem lill-genituri tieghu. Cahad ukoll dak li qalet martu fir-rigward ta' mard mentali; kienet hi li ddahhal lill-genituri tar-ragel u ssemmi kull difett biex twegghalu qalbu.

Illi Alfred Camilleri kompla hekk:-

*"Illi, il-flus kont inhallihom kollha fil-kexxun u Joan kienet tonfoq minnhom kemm trid. Kienet tohrog ta' spiss u tiekol barra fir-restaurants. Tant li ftahret mal-gharus tat-tifla li kienet hadet pizza minn barra li hallset ghaliha Lm 7.00 ! Dan juri li mhux veru dak li qalet hi li kont inhalliha bla flus. Ir-raguni ghaliex konna morna l-Qorti mhix kif qalet hi imma kif ser insemmi. Hi kienet haditha drawwa li tohrog u ddum barra, u aktar ma jghaddu l-granet iktar bdiet tohrog spiss u iktar iddum barra. Is-suspett li kienet qieghda tittradini beda jikber u bdejt ninkwieta hafna;*

*Illi, f'okkazjoni minnhom kien il-Hadd u meta mix-xoghol irritornajt id-dar, Joan ma kinetx hemm. Kienet harget. It-tfal ma kienux jafu fejn marret. Giet lura ghas-7.00pm u kif irritornat qaltli li riedet li nohorgu flimkien. Jiena irrabjajt ghax hi l-ewwel harget u marret fejn riedet, imbaghad wara giet biex tohrog mieghi. Jiena kont tassew xbajt f'din il-hajja u ghedtilha li jew jien jew il-hbieb taghha. Hi rrispondietni li kienet tippreferi lill-hbieb minni ghaliex minghajri tghaddi imma minghajr il-hbieb ma tghaddix!*

*Illi, dan il-kliem taghha kien weggghani hafna u minhabba f'hekk ghal xi gimaghtejn ma kontx hallejt flus fil-kexxun izda kull ma kien jonqos ghad-dar kont nixtrih jien. Wara, avolja kont ergajt bdejt inhalli l-flus fil-kexxun hi xorta wahda marret ghand l-avukat u tlajna l-Qorti ghaliex is-sistema li nhalli l-flus fil-kexxun ma kinitx toghgogha u riedet li naghtiha rata fissa*;

*Illi, dak iz-zmien it-tfal kienu qeghdin jistudjaw u minhabba fl-inkwiet li kien ikollna ta' spiss kienu jibku u ma kienux jistghu jikkoncentraw fuq l-istudju taghhom. Jien hsibt li jekk naghtiha l-flus kif riedet, is-sitwazzjoni kienet se tikkwieta. Allura biex nipprova, accettajt minghajr l-ebda rizerva li naghtiha Lm200 fix-xahar u barra dan jien kont inhallas l-ispejjez kollha ta' gass, telefon, elettriku, ilma u spejjez ohra. Kelli parir legali illi qatt ma kien imissni naccetta li naghmel dan;*

*Illi, meta fittixtilha fil-handbag taghha, kien ghaliex spiss kont insibilha indirizzi u numri ta' telephones, li wara sirt naf li kienu ta' Thomas Spiteri, tal-post fejn kien jahdem u ta' postijiet li dan kien jiffrekwenta, kif ga semmejt. Meta sirt naf li marti qed tittradini kont inhossni kostrett li nfittex biex nara ma' min kienet qieghda tittradini;*

*Illi, barra dan, lil marti kont sibtilha ukoll in-nota li hija silfet Lm100 lil Thomas Spiteri. Jien qatt ma fittixtilha fiz-zmien meta ma kienx hemm l-inkwiet li semmejt u dan allavolja hija kienet tfittixli".*

Illi kif ga nghad, l-affidavit ta' Alfred Camilleri fih ghadd ta' dettalji u din mhiex kwistjoni ta' sunteggjar. Irid jinqara fl-interezza tieghu.

Illi l-**Ispizjara Margaret Camilleri** (twieldet fl-1976) fl-affidavit taghha bdiet hekk:-

*"Illi, id-dar dejjem naf li kien ikun hemm l-inkwiet. Generalment, ommi kienet taqla' l-inkwiet bi kliemha, ghaliex il-papa' kien jkun ghamel xi haga li lilha ma tkunx ghoggbiha. Fost l-ohrajn, l-inkwiet kien jinqala' meta l-papa' kien jaghmel xi bicca xoghol lil xi hadd mill-familja tieghu jew lill-girien. Ma nafx ghaliex ommi kienet taqla' dan l-inkwiet. Naf li hi kienet tghid li l-familja tieghu kienet tghir ghaliha. Il-familja ta' missieri tikkonsisi fin-nanniet, zija mizzewga bil-familja u ziju, wkoll bil-familja, li jghix l-Ingilterra. Dawn ma kienux jigu ghandna ghaliex ommi ma kinitx tridhom. Anke' meta kien jigi z-ziju mill-Ingilterra kienet taqla' salt inkwiet;*

*Illi, niftakar li darba kien gie ir-ragel taz-zija d-dar b'arlogg ghat-tiswija. Ommi xejn ma hadet gost bih, l-izjed ghax dan kien ilu jweghdha li ha jgibilha arlogg antik u qatt ma' gie bih. Liz-ziju kienet keccietu 'l barra mid-dar bl-arlogg b'kollox;*

*Illi, min-naha l-ohra, meta kien jinqala l-kas li l-familja taghha kellha xi haga ghat-tiswija, kienet tkun minn ta' quddiem biex missieri jsewwihielhom. Sahansitra kienet igiblu l-affarijiet hi d-dar, ghat-tiswija;*

*Illi, darba minnhom, wara xi glieda minn taghhom, ohtha kienet ghandna u gie l-kliem bejniethom fuq il-paga, waqt li kienu fil-kcina. Ommi tant bdiet tirrabja li qabdet is-sikkina l-kbira u tal-daqqa biha fuq il-cupboard filwaqt li qalet li lill-missieri kienet toboghdu".*

Dwar l-attitudni t'ommha versu l-familja hi qalet, incisivament, dan:-

*"Illi, il-mama' kienet thobb tiddeverti u aktar ma jghaddi z-zmien izjed bdejt naraha bhal meta jghidu "tikber u tiblieh". Ghall-bidu kienet tohrog u tghidilna li sejra l-Belt jew ghand zijitha tal-Mosta. Darba minnhom, meta missieri iccekkja ma' din zijitha jew mas-sorijiet fejn din kienet rikoverata, sab li mhux vera li kienet marret hemm;*

*Illi, meta beda jghaddi z-zmien, il-mama' kienet tfittex li filghodu ssajjar u titlaq 'il barra minghajr ma tghidilna fejn tkun sejra".*

Fuq l-istess linji, qalet:-

*"Illi, il-mama' kienet saret taf lil wahda Lina Grima fiz-zmien li kienet tehodna l-playground tal-Imsida u 'l quddiem saret habiba taghha. Bdew johorgu flimkien filghodu. Lina kienet tohrog wahedha u mhux mar-ragel u ghalhekk darriet lill-mama' tohrog wahedha u mhux mal-papa. Meta ommi kienet tohrog mal-papa' kienet iggib lil din Lina u l-papa' kien jiddejjaq biha".*

Margaret Camilleri stqarret dan, dwar kif ommha kienet thares lejn l-irgiel:-

*"Illi, il-mama' tant kellha mania kontra l-papa', li lili ma kinitx tridni nhit ghal boyfriend tieghi, u kienet tghidli li l-irgiel ma jafuhulekx li taghmel maghhom".*

Dwar flus, qalet dan:-

*"Illi, bdiet ukoll tissemma' l-problema tal-flus. Meta ommi bdiet tohrog izjed spiss mal-hbieb, il-papa' beda jgorr li hi kienet qed ittajjar il-flus. Xi sena qabel ma telqet mid-dar, Lina kienet giet id-dar. Gie l-kliem li Lina tonfoq tant fix-xahar biex iggibilha ezempju kemm ghandu jaghtiha l-papa'. Wara dan, telghu l-Qorti fuq il-manteniment. Sadattant hi kienet ghadha d-dar u l-papa' kien jaghtiha biex tixtri ghall-hajja u l-kontijiet ta' elettriku u ohrajn kien ihallashom hu. Il-mama' bdiet li jekk inkunu irridu nixtru xi haga kienet tridna nhallsuha ahna u bdiet tfittex maghna f'kull dettal. F'dan iz-zmien kienet tghid li trid tissepara minnu. Hija kienet tghid li ma jirrispettahiex izda jien kont nara lilha ma tirrispettahx. Fl-ikel taghtih l-aghar bicca u meta jikkarezzaha twarrbu, ma tkunx trid".*

L-affidavit ta' din it-tifla tal-konjugi Camilleri spicca hekk:-

*"Illi, darba minnhom, missieri gie jghidli li kienet faqghetlu t-tyres tal-karozza. Dak iz-zmien kien ghad kellu l-Anglia. Kien ghadu kif ghamel set tyres godda. Meta dahhal karrozza gdida, sikwiet kienet theddu li terga' tifqghalu t-tyres, ghaliex il-karozza kienet taghha daqs kemm kienet tieghu;*

*Illi, wara li telqet mid-dar kienet tigi tiehu l-affarijiet taghha u kienet anke' tiehu xi hwejjeg tieghi u t'ohti".*

Illi **Brian Camilleri** (twieled fl-1969), iben il-kontendenti, qal li l-genituri tieghu dejjem kienu bl-inkwiet u dana ghax ommu kienet trid li dejjem tghaddi taghha, u kienet anke' ma tnizzilx lil nies zewgha. Issemmew il-flus u skond ix-xhud ommu ma kellhiex ghalfejn tilmenta. Dwar hbiberija, hu qal:-

*“Illi, daqs seba’ snin ilu l-mummy saret taf lil certa Lina Grima li kienet tkun il-playground ta’ l-Imsida. Minn hames snin ‘l hawn bdiet li kull meta hi u d-daddy johorgu trid maghhom lil Lina. Fil-fatt Lina bdiet tohrog maghhom u d-daddy beda jiddejjaq biha. Imbaghad il-mummy bdiet ma tohrogx mad-daddy u ma tghidlux fejn tkun marret. Ghall-bidu bdiet tghidlu li marret il-Belt, izda ma baqghetx tghid la fejn tkun sejra u lanqas fejn tkun marret;*

*Illi, filghodu d-daddy kien ghax-xoghol, jien kont sejjer Kordin u l-mummy talbitni lift. Qaltli biex inhalliha hdejn il-Moskea, Rahal il-Gdid u qabel telqet qaltli li kienet ser taghmel vizti, u biex lid-daddy ma nghidlu xejn;*

*Illi, fis-sentejn qabel ma telqet mid-dar il-mummy kienet tohrog u meta kont nirritorna d-dar filghodu mill-Universita’ ma kontx insibha hemm. Kont insahhan u niekol. Il-mummy kienet tigi d-dar wara nofsinhar ghal xi s- 2.30 jew it-3, torqod, u kif tqum terga’ tohrog ghall-habta tal-5pm. Hi kienet tittardja ma tigi d-dar anke’ sad-9 jew l-10 ta’ filghaxija;*

*Illi, id-daddy gieli staqsieha fejn kienet marret u gieli ma staqsihiex. Avolja kien jistaqsiha bil-mod, kull darba, kien jinqala t-trouble. Il-mummy kienet tghajjat hafna, tghidlu li ma kinitx affarih fejn kienet tmur u biex ma jindahlilhiex, tkellmu hazin, toffendih b’ommu u b’missieru, tghajru li mhux tajjeb ghal man-nies, tghidlu li ma riditx tohrog mieghu, u kienet tuza espressjonijiet li tixtiequ li jmut. Dawn ix-xenati u ghajjat kienu jkunu ta’ spiss u l-mummy xejn ma kien jimpurtaha li lillna ma thalliniex nistudjaw, anke’ lejliet l-ezamijiet;*

*Illi, lid-daddy gieli rajtlu grif f’wiccu u jghidli li tkun girfitu l-mummy. Gieli gew fl-idejn izda d-daddy kien jipprova jibqa’ lura sakemm ikun possibbli. Ingenerali d-daddy ma kienx jirreagixxi ghalli taghmillu anzi kien jissaportiha zzejjed ghalli kienet taghmillu”.*

Illi **Charmaine Camilleri**, bint iz-zghira tal-konjugi Camilleri xehdet dwar episodju partikolari u rrakkontat dan l-incident:-

*"Illi, nhar is-Sibt, 29 ta' Mejju 1993, ghal habta tal-10.30pm kont mal-boyfriend tieghi Mark Bartikoluolo, mixjin Bugibba, San Pawl il-Bahar, meta rajt lil ommi Joan Camilleri tixtri minghand kiosk tal-gelati. Hdejha kien hemm ragel li ma kontx certa jekk kienx maghha. Jien ghidt lil Mark li dik kienet ommi u ghidtlu biex nistennew wara kiosk iehor halli nara x'sejra taghmel u jekk dak ir-ragel kienx maghha. Hekk ghamilna;*

*Illi, wara li ommi hallset ghall-gelati, hija ghagglet imxiet 'il quddiem u ftit passi warajha mexa dak ir-ragel. Marret poggiet fuq cangun hdejn il-moll. Hdejha, fuq l-istess cangun pogga dak ir-ragel;*

*Illi, jien u Mark ersaqna lejhom u waqafna ezatti qudiemhom. Ommi, x'hin hassitna resqin lejha, baxxiet rasha, hi u tiekol il-gelat;*

*Illi, jien staqsejtha: M'intix taghrafni?*

*Illi, ommi gholliet rasha, harset lejja u qaltli: "Haw' ara Charmaine. Orrajt?"*

*Illi, ir-ragel li kien maghha qal: "Hi!", waqt li kompla jiekol il-gelat. Dan ir-ragel huwa Thomas Spiteri li jiena nafu ghaliex kien urihuli d-daddy meta konna l-Black Rose, id-Dolmen Hotel, fejn Spiteri kien security guard;*

*Illi, jien ghidtilhom: "I will record this event, il-qorti!"*

*Illi, ommi: "He, ghalhekk gejt? Jien m'ghandix minn x'hiex nisthi. Fin-nies qeghda, m'inhix ninheba. Mix-xoghol ghadni gejja."*

*Jiena: "Mela m'ghandekx minn x'hiex tisthi? Tlaqt mid-dar".*

*Ommi: "Int imissek tisthi, ja insolenti! Imissek tisthi mill-gharus li ghandek".*

*Illi, meta jien rajt li ommi gejja b'hafna kliem insolenti, tlaqna minn hemm".*

L-istess Charmaine Camilleri, f'affidavit precedenti tenniet, fis-sustanza, dak li qalu hutha dwar kif ommha kienet mohha barra, kif kienet tiddispetta lil missierhom u l-ikel *"titfaghhulu",* ma tinterassax ruhha fid-dar ecc.

Illi **Raymond Calleja** kollega tax-xoghol tal-attur, ikkonferma kif hu akkompanja li dan meta ppedinaw lil Joan Camilleri u lil Thomas Spiteri u spicca biex ha r-ritratti markati Dok. "A1" – "A23".

Illi **Emanuel Camilleri** qal li hu u martu kienu hbieb tal-kontendenti u kienu ltaqghu Bugibba. Fl-affidavit li sar f'April 1992 hu rrakkonta dan:-

*"Illi, lejliet l-Imnarja ta' sentejn ilu irritornajt id-dar mix-xoghol f'xi 2pm u l-mara qaltli li l-attur cempel biex ikellimni. Jiena cempiltlu. Qalli bl-istorja li grat illi hu kien qabad lil marti l-bahar ma' ragel iehor;*

*Illi, dakinhar stess giet il-konvenuta d-dar taghna. Bdiet tibki u tghid "Xi grali!". Il-mara tieghi qaltilha biex tmur id-dar ghand zewgha izda hi baqghet bit-tensjoni li tibza'. Jien cempilt lill-attur biex jigi jehodha lura. Hu qalli li ma kienx f'posizzjoni li jista' jsuq. Lura d-dar wassalha t-tifel tieghi;*

*Illi, fis-sajf jien u l-mara nitilghu Ghawdex. Bhal daz-zmien sentejn ilu ibbukjajna flat Marsalforn ghal ghaxart ijiem. Konna bil-hsieb mmorru fih iz-zewg koppji, jien u l-mara u l-attur u l-mara;*

*Illi, peress li nqala' dak l-incident li semmejt li l-attur qabad lil martu ma' iehor, morna Ghawdex f'dan il-flat jiena u marti, u l-konventa u Thomas Spiteri, u qaghadna f'dan il-flat ghal dawk l-ghaxart ijiem;*

*Illi, ghandi nghid ukoll li kemm domna hemm jien kont inkun ma' Thomas Spiteri, li jahdem mieghi il-Public Works, u marti kienet tkun mal-konvenuta;*

*Illi, wara gieli gejt mix-xoghol u sibt lill-konvenuta d-dar tieghi, u l-konvenuta gieli anke' harget maghna;*

*Illi, Thomas Spiteri meta gara l-incident li semmejt ta' lejliet l-Imnarja kien qalli li l-attur qabdu mal-konvenuta fejn il-bahar, u li meta qabdu kien beza';*

*Illi, meta konna Ghawdex Thomas Spiteri u Joan kien ikollhom xi jghidu u hu kien jibghatha lil Joan izda kien ikun ghalxejn ghaliex hi baqghet mieghu. Normalment kien ikollhom xi jghidu ghaliex Joan kienet taqla' argumenti".*

Illi fit-tieni affidavit tieghu, Emanuel Camilleri qal dawn id-dettalji:-

*"Illi, lil Thomas Spiteri jien ili nafu u nafu sewwa. Dan kien qalli li Joan Camilleri kienet xtratlu Volkswagen. Din il-karozza kienet f'idejh u gieli kelli l-okkazzjoni li nirkeb fiha mieghu;*

*Illi, jien naf li mart l-attur ilha ma' dan Thomas Spiteri madwar erba' snin. Meta kien ghadu jghix ma' Hilda Callus, Thomas Spiteri kien diga' johrog ma' mart l-attur. Dak iz-zmien mart l-attur kienet ghadha d-dar ma' zewgha. Malli Hilda Callus marret lura l-Awstralja, Thomas kellu aktar facilita' li johrog ma' mart l-attur. Hilda Callus naf li giet u marret lura l-Awstralja diversi drabi. L-okkazzjoni li qed nirriferi ghaliha ilha daqs tliet snin ilu;*

*Illi, ma' l-affidavit ta' qabel irrid inzid ukoll li meta semmejt li Joan giet id-dar taghna u bdiet tibki u tghid "xi grali", qalet li zewgha kien qabadha ma' Thomas Spiteri f'Marsaxlokk. Dak iz-zmien jiena kont naf li hija kienet tohrog ma Thomas Spiteri;*

*Illi, xi sena ilu jiena u certu Lorry Azzopardi morna fil-flat fejn kienu joqoghdu Joan u Thomas Spiteri, fi Triq il-Lacci,*

*Bugibba, peress li Lorry Azzopardi ried ikellem lil Thomas Spiteri. Habbatna, ma fetah hadd. Ahna u niezlin it-tarag, iltqajna mal-konvenuta tiela' t-tarag tal-flats bil-basket f'idha. Meta staqsejniha ghal Thomas Spiteri qaltilna li dak m'ghadux hemm u m'ghandniex ghalfejn nergghu mmorru infittxuh hemmhekk".*

Illi dan Emanuel Camilleri ssejjah jixhed quddiem l-perit legali u qal li hu kien jikkonferma z-zewg affidavits izda xtaq jippreciza li kien hu li ssuggerixxa li Ghawdex jigi Thomas Spiteri meta ma riedx jigi Alfred Camilleri. Riedu ghall-kumpanija tieghu. Dik il-habta Tommy kien qieghed ma' Hilda Callus . Hu qatt ma ra kunfidenza bejn Thomas u Joan. Mieghu Tommy kien qall li l-VW kienet xtrathielu Joan Camilleri.

Illi **Carmen Camilleri**, mart Emanuel ghamlet zewg affidavits ukoll. Meta ngiebet tixhed quddiem l-perit legali qalet li l-affidavits taghha u ta' zewgha saru ghand Dr. J. Borg (difensur ta' Alfred Camilleri) fuq mistoqsijiet tieghu. Hi u zewgha ma ndahlux lil xulxin u l-avukat kiteb skond ma qalulu.

Illi fl-ewwel affidavit taghha kkonfermat dak li xehed zewgha dwar meta, lejliet l-Imnarja, Joan Camilleri marret ghandhom tghid "x'bicca grali!" riferibilment ghall-incident ta' M'Xlokk. Maghha Joan kienet stqarret li kienet tati flus lil Thomas Spiteri izda kien raddhomlha.

Illi din ikkonfermat ukoll is-soggorn fil-*flat* ta' M' Forn u qalet li Joan *"giebet maghha"* lil Thomas (stante li zewgha ma kienx mar) pero' hi u Joan kienu jorqdu f'kamra u zewgha u Thomas kienu jorqdu f'kamra ohra. Spjegat hekk:-

*"Illi, minhabba l-incident li semmejt li l-attur qabad lil martu ma' wiehed, l-attur ma giex Ghawdex. Jien u zewgi morna xorta wahda u l-konvenuta giet ukoll u maghha giebet lil Thomas Spiteri. Qaghdna lkoll fl-istess flat. Il-konvenuta kienet torqod fil-kamra mieghi u Spiteri fil-kamra ma' zewgi";*

*“Illi, billi oht Joan kienet tkun Ghawdex, meta konna nohorgu l-erbgha hi kienet timxi mieghi u l-irgiel ghalihom. Anke’ min-naha tieghi jien ma ridtx li n-nies jarawna flimkien u Joan maghna ma’ ragel iehor. Dan minhabba n-nies li qabel kienu jarawna maghha u zewgha flimkien”;*

*“Joan baqghet tigi ghandi. Kienet taf li zewgha jridha tmur lura d-dar izda hi kienet tibza’ li issa kien ikollu suspett fiha u ma jhallhiex tohrog”.*

Illi fit-tieni affidavit taghha (Novembru 1994) semmiet is-segwenti incident:-

*“Illi, is-Sibt sittax ta' Lulju 1994 f'xi s-siegha ta' wara nofsinhar Joan giet thabbat l-bieb tad-dar tieghi f'Bormla. Hrigt nittawwal u staqsejtha x' riedet. Il-konvenuta qaltli biex ninzel ghax riedet tkellimni. Inzilt u kif bdejt biex inkellimha staqsietni nafx li hawn Hilda, cioe' Hilda Callus. Irrispondejtha li ma nafx. Hi qaltli biex immur nara lil zewgi qieghed ma' wahda u Tommy qieghed ma' Hilda, li qeghdin il-Belt. Nispjega li dan Tommy huwa Thomas Spiteri dak li kien ma’ Joan. Jiena staqsejtha min hi din il-wahda u jekk hiex Connie, u Joan qaltli li ma hix Connie. Imbaghad Joan bdiet tghajjarni “kornuta”, u li mhix hija biss li tkorni lil zewgha ghaliex dik li tkun gol-kcina issajjar tkun kornuta minn zewgha. Din tal-ahhar qalitha ghalija”;*

*“Illi, waqt dan l-incident jiena ma dahhalthiex gewwa lil Joan, u dan id-diskors qalituli barra fit-triq. Imbaghad hi warrbet minn quddiem il-bieb tad-dar tieghi u marret tistenna hdejn il-kantuniera sakemm gew zewgi u Thomas Spiteri. Kif dawn waslu Joan bdiet tghajjar lil dan Spiteri. Dak il-hin huha gibidha ghal gol-karrozza, hi rikbet u kif kien ser jitlaq Joan harget rasha mill-karrozza u regghet bdiet tghajjarni "qahba". X'hin zewgi dahal id-dar jien staqsejtu x’ kien gara u ghidtlu Joan Camilleri kemm ghajtet u x'kienet qaltli li hu kien qieghed ma' wahda. Zewgi qalli li kienu Hilda u bintha;*

*Illi, jiena mbaghad cempilt lil huha Eddie u staqsejtu jekk il-konvenuta kinitx hemm u qalli li le. Allura irrakkontajtlu x'kienet ghamlitli. Ghidtlu biex meta tigi jghidilha iccempilli*

*ghax jekk ma iccempillix immur insibha d-Dolmen Hotel fejn tahdem;*

*Illi, wara xi siegha, cempel it-telefon u min cempel qalli li kien Eddie. Dan qalli li jiena kont gharraqt lil ohtu Joan bix-xhieda li tajt fil-kawza ma' zewgha u li issa hu ried jgharraq lili. Staqsejtu biex gharraqt lil ohtu u hu kull darba li staqsejtu dan irripeta li kont gharraqt lil ohtu. Jiena ghidtlu li ridt inkellem lil Joan jekk qeghda hemm. Imbaghad kellmitni Joan. Staqsejtha jekk jien inhix kornuta u ghaliex stmatni hekk. Ma hallietnix nghid iktar minn daqshekk bl-ghajjat li bdiet tghajjat. Bdiet tghidli li jiena u zewgi kxifniha ma' Fred zewgha, u li ahna konna kagun li infirdu. Qalet li Fred ta tliet mitt lira lili u lil zewgi biex nixhdu. Qalet ukoll li jiena mort ma ' zewgha, li hi giet ma' zewgi, u li zewgi ikun il-Belt ma ' mara ohra. Ghajritni li jien ghandi t-tfal bghula. Jien qbadt u qtajtilha;*

*Illi, wara li hallejt ftit tal-hin cempilt lil huha Eddie biex nispjegalu li dak li qaltli ohtu quddiemu, ma kien minnu xejn. Dan beda jaqtali t-telefon u ma hallinix inkellmu".*

Illi Carmen Camilleri semmiet zewg incidenti ohra. Wiehed sehh Wied-il-Ghajn meta Joan kienet ma' huha Eddie u huha l-iehor Guido tal-Awstralja li kien fuq btala Malta. Spiccaw bit-tghajjir min-naha ta' Joan u theddid min-naha ta' Eddie.

Illi qalet ukoll li meta ltaqghu f'seduta quddiem l-perit legali Joan kellmitha u rieditha tbiddel dak li kienet qalet fl-ewwel affidavit. Ix-xhud spjegat hekk:-

*"Illi, hi riditni inbiddel dak li xehedt fl-affidavit billi inzid u nghid li dak inhar li zewgha qabadha ma' Tommy Spiteri f'Marsaxlokk jiena u zewgi konna miftehmin maghha biex wara li inlesti l-bicca xoghol li kelli mal-mummy immorru niltaqghu maghha. Dan li Joan riditni nzid mal-affidavit li kont ghamilt ma huwa veru xejn. Jien ghidtilha: "Ara kemm ilkom fil-Qorti, ghax ma taghmlux separazzjoni bonarja?". Joan qaltli li zewgha qed jghawwi t-tfal ghaliha. Irrispondejtha li dan ma kienx veru ghax Fred ma jghawwix it-tfal ghaliha u t-tfal ghandhom sens bizzejjed*

*biex ikunu jafu hi x'qeghda taghmel, u barra dan kienet bintha Charmaine li irrispondiet it-telefon u lil min cempel qaltlu "Jiena Joan". Dan id-diskors li lil Joan cemplilha wiehed u kellmitu bintha Charmaine kienet qalituli Joan stess"*.

Illi **Dr. Joseph Fenech LL.D** kien qabel avukat ta' Joan Camileri. Jiftakar (xehed 23.06.95) li xi 20 sena qabel kienet kellmitu Mrs Camilleri dwar problemi matrimonjali u jekk jiftakar sew, issemma' swat. Kien wassal lill-konjugi Camilleri (li kellimhom f'darhom go Mannarino Rd) biex jirrangaw. Darba marret anke' l-ufficcju. Sarulu ghadd ta' domandi specifici li ghalihom wiegeb *"ma niftakarx".*

Illi fis-seduti peritali l-ewwel ma xehdet **Hilda Callus**, divorzjata minn zewgha, li kellha ssiefer granet wara. Saret taf lil Joan Camilleri l-Belt meta hi kienet ma' mara ohra u Joan kienet ukoll ma' mara u hadu kafe' flimkien. Joan spiccat tatha n-numru tat-telefon taghha.

Darba rat il-Belt lil Joan Camilleri titkellem ma' Thomas Spiteri u ragel iehor quddiem "La Vallette". Dak iz-zmien Tommy kien jghix maghha u hi haditha mieghu u dan osservalha li ma kienu qed jaghmlu xejn. Ix-xhud kompliet:-

*"Illi, fuq domanda tal-perit legali nghid li mill-kliem li qabel kelli ma' Mrs Camilleri stess kienet taf li ahna konna flimkien. Nghixu flimkien ifisser li konna nikkoabitaw".*

Illi kienet anke' rceviet xi tlett ittri anonimi jghidulha li kull nhar ta' Sibt Tommy u Joan jkunu jixorbu f'hanut go Rahal Gdid.

Illi darb'ohra Tommy qalilha li ried jipprova jmur ma' martu (Yvonne Spiteri). Meta aktar tard kellmet lil huh (Fr. Onorat Spiteri) u dan cempel lill-mara ta' huh hu sab li huh ma kienx ghand marti. Cemplet ghand Carmen Camilleri u bintha qaltilha li din kienet Citta' del Mare. Allura hi cemplet ghand l-attur. Dan qalilha, jibki, li ma kienx jaf martu fejn kienet. Hi semmhietlu Citta' del Mare izda hu qal li jahseb li Joan kienet Ghawdex, u semmhielha li fl-

Imnarja kien qabad lil martu ma' Tommy. Huma ftehmu li jiltaqghu fejn l-MLP Club B'Kara, u din kienet l-ewwel darba li rat lill-attur. Qaltlu li hi ma kienet Mrs Spiteri xejn (kuntrarjament ghal dak li qaltlu meta cemplet fuq Citta' del Mare) izda Hilda, il-habiba "Awstraljana" ta' Tommy. Meta eventwalment Tommy gie mill-*holiday* u mar ghandha Bugibba, hi rrabjat, izda ssoktaw jikoabitaw.

Illi darba, wara dan, iltaqghet il-Belt ma' Joan u qaltilha li Tommy kellu jtiha u Hilda offriet thallaslu d-dejn. Joan qalet li d-dejn ma' Tommy sar. Hilda wiegbet *"allura int mhux il-flus trid, imma lilu"*. Wara xi granet, hi marret l-Awstralja. Dan kien fl-1990 mnejn irritornat fl-1993 u kellha tmur lura lejn l-Awstralja ftit wara.

Illi **Lawrence Azzopardi** qal li l-ewwel darba li sar jaf lil Joan kien meta marret fir-razzett tieghu l-Handaq ma' Tommy. Marru bil-VW ta' Joan li kien isuqha Tommy. Fil-fatt staqsieh jekk dik li kellu mieghu kinltx *"Hilda tal-Awstralja"* u Tommy introdicielu lil Joan. Tommy qallu "*hemm xi cans ittina c-cavetta?"* u t-twegiba kienet "*mela qed tigennen hawn hekk hawn it-tfal tieghi".*

Ix-xhud qal illi Joan lil Tommy kienet ittih hin biex iccempillu u jekk ma ssibux tibda tghajru. Jekk jghidilha li kien ser jixtri gurnal ghall-mara kienet issejjahlu dublett tal-mara. Tommy stqarr mieghu li Joan kienet tghir hafna ghalih.

Illi semma wkoll li hu kien irranga biex Tommy jissellef xi flus u wara nkwetah sakemm raddhom lura. Meta kellu l-inkwiet mal-mara (li wassal ghas-separazzjoni) dam tliet xhur ghandu l-Fgura *"mistohbi minn nies, ghax kien jibza' minnhom minhabba li kellu jaghtihom il-flus".*

Illi meta Tommy *"sparixxa"* kien jircievi ghandu ittri ta' mara Ingliza ndirizzati lil Tommy. Fir-rigward ix-xhud esibixxa d-Dok "53" (a fol 249) konsistenti f'ittra ta' mhabba u *card.*

*"Wara hafna giri"*, hu sab il-*flat* fejn kien joqghod Tommy f'Bugibba u fuq il-bejt ra minxurin hwejjeg ta' Tommy u ta' Joan.

Spicca l-affidavit hekk:-

*"Illi, jiena lil Joan Camilleri nafha bhala mara fuq ruhha. Tahsibha li hi xi mara pulita imma meta tkun tafha tara li hi mara mahmuga".*

Illi fl-affidavit taghha Antonia sive *Lina Grima* qalet li kienet ilha taf lill-kontendenti u Joan kienet tilminta minn zewgha fuq il-flus. Darb'ohra ratilha wkoll dbengil fuqha. Xi erba' snin wara ratilha l-istess. Darb'ohra Joan ilmentat ma' Lina li kienet fit-triq ma' zewgha u ghamlet ghaliha Censina Brincat u zewgha baqa' cass bla ma qabez ghal martu Joan. L-affidavit tax-xhud jispicca hekk:-

*"Illi, imbaghad darba minnhom cempilli zewgha biex iwiddibni dwar li kont qed nisfratta lil marti u jien ma kontx ftahtilha ghajnejha bizzejjed. Jien ghidtlu li dan ma kienx minnu u peress li hu qalli li Joan kienet telqet mid-dar cempilt ghand habiba taghha u sibt lil Joan hemm. Hi qaltli li kienet telqet mid-dar ghaliex il-gurnata ta' qabel kellha xi tghid ma' zewgha u binha kien mar ghaliha b'sikkina pero' kien intervjena huha Eddie. Kien sar rapport l-ghassa u minn dakinhar naf li baqghu mifrudin;*

*Illi, minbarra l-flus naf li kien ikollhom xi jghidu wkoll peress li hu kien ikun iridha tmur ghand ommu u hi ma kentix trid tmur".*

Illi **Joseph Sciberras** (hu Joan Camilleri) joqghod 113 Triq Mannarino, B'Kara, bieb ma bieb mal-hanut BMX Agents ta' huh Edward. Daz-zewg fondi huma fl-istess triq tad-dar konjugali tal-kontendenti li tigi xi tul ta' kantuniera boghod minnhom. Dwar il-kwistjonijiet ta' bejn il-kontendenti qal:-

*"Illi, jien illi naf lil Alfred minn meta kien gharus ma' ohti pero' ma tantx kelli kunfidenza mieghu. Jien bhala xoghol ghandi hanut ghat-tiswija tar-roti ftit il-boghod mid-dar*

*tieghi fl-istess triq u Alfred meta kien ikollu xi argument ma’ ohti kien jigi u joqghod jghidli kontra taghha. Jien generalment ma kont nirrispondih xejn biex kemm jista’ jkun ma ngellidx”;*

*“Illi, darba qabel l-ahhar glieda li nqalghet bejniethom ohti kienet giet tibki ghandi minhabba argument li kellha ma’ zewgha pero’ fil-pront kien tfacca hu u ma riedx ihalliha tkellimni wahidha. Bdew jargumentaw bejniethom pero’ insejt fuq x’kien inqala dakinhar. Darba ohra kienet giet ghandi u rajtilha wahda minn ghajnejha hamra u meta staqssejtha qaltli li zewgha kien taha daqqa ta’ hartikolua. Gieli anke’ cemplitli ohti u mort ghandhom biex nipprova nikkwieta l-argument li kien ikun inqala bejniethom. Darba f’argument smajtu jizzika lil ohti dwar il-fatt li missierna kien ikkommetta suwicidju”.*

Illi **Edward Sciberras** kien dahal fil-problemi tal-konjugi Camilleri ferm aktar minn huh Joseph. Hu beda biex “ipprezenta” lil Alfred Camilleri b’dal mod:-

*“Illi, jien kont sirt naf lil Alfred maz-zwieg taghhom peress li qabel jien kont ghamilt zmien l-Awstralja u l-Ingilterra. Meta sirt nafu ndunajt li kien ragel li kellu idu iebsa fuq il-flus (bl-ingliz “miser”) u kont ninnota per ezempju li peress li kien jirranga affarijiet bhal fridges u washing machines, kull bicca hadid li kien isib, u gieli anke’ oggetti ohra li b’xi mod jiswew xi haga, kien igemmaghhom u fil-fatt kien mela kamra li ghandi wara l-hanut bihom. Jien kont hadt pacenzja bih pero’ wara xi zmien kelli bzonn l-ispazju ghall-merkanzija u meta baqa’ ma nehhiex dan l-imbarazz, gibt trukk u nehhejt kollox;*

*Illi, jien ma tantx kont niffrekwenta darhom u lanqas huma ma kienu jigu ghandi, ghaliex ma kontx niehu pjacir peress li Alfred dejjem tarah bil-geddum. Generalment kont narah fit-triq hdejn il-hanut”.*

Illi zied jghid li darba t-tifla l-kbira tal-kontendenti kienet marret ghandu u talbitu jmur id-dar ghax il-genituri kienu qed jiggieldu. Hu qal lit-tifla tmur lura u tghidilhom joqghodu bi kwiethom. Billi t-tifla ma marritx lura, allura

bilfors li kienu kkalmaw. Darb’ohra sejhitlu t-tifla Charmaine u mar u sab lil ohtu Joan tibki taht is-sodda b’zewgha jissielet maghha u jipprova johdilha l-flus minn idha. Wara kienu kkwietaw. Darb’ohra ohtu giet tigri ghandu tibki, b’zewgha jigri warajha. Ix-xhud spicca jirrakonta l-incident ta’ meta t-tifel tal-kontendenti uza sikkina:-

*“Illi, darba ohra kont id-dar tieghi u cempel it-telefon xi d-9pm u meta qbadt ir-receiver bdejt nisma’ biss hafna ghajjat u storbju. Jien bdejt nistaqsi min kien u kellhomx bzonn l-ghajjut u t-telefon inqata. Jien ma kontx naf min kien cempel pero’ wara ftit issuspettajt li kienet giet minghand ohti u fil-pront rega’ cempel it-telefon u ohti bdiet tghidli li zewgha kien qed isawwatha u li binha, Brian, kellu sikkina f’idejh. Hi talbitni l-ghajjut u jien mort nigri d-dar taghhom u ghall-ewwel ma hallewnix nidhol pero’ meta heddidt li nisfronda l-bieb fethuli u sibt lil Alfred imqabbad ma’ ohti u t-tifel b’sikkina f’idejh. Jien mill-ewwel hadtlu s-sikkina u imbuttajhom f’rokna tat-tarag. Alfred beda jipprova jizgicca biex imur ghal ohti u allura tajtu daqqa fuq imniehru bil-mod biex joqghod kwiet. Wara li huma ppromettew li joqoghdu kwieti tlaqthom u qbadt lil ohti u morna naghmlu rapport l-ghassa ta’ Birkirkara bis-sikkina f’idejja. Peress li l-pulizija ma riedx imur ma’ ohti d-dar taghha jien mort ghand il-Ministru Dr. Joseph Fenech peress li dan kien l-avukat tieghi u hu qalli biex niehu lil ohti ghand il-Bon Pastur. Jien allura minnflok hadtha ghand is-sorijiet, ghamiltilha pjacir u zammejtha ghandi f’kamra qalb hafna mbarazz tan-negozju tieghi fejn ghadha sal-lum”.*

Illi fl-affidavit taghha l-konvenuta tirrakkonta li qabel ma kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonali minhabba l-incident imsemmi fejn kien ukoll involut binha hija allegat li kienet soffriet sew minghand zewgha fuq kollox minhabba li kien ihalliha bla flus jew inkella kien itiha ftit flus ghalkemm huwa kellu xoghol sew mal-Enemalta; tirrakkonta diversi incidenti dwar l-istess problema u wkoll tirrakkonta kif l-istess attur kien jerfa’ idejh fuqha; problemi ohra li kien ikollhom kienu li skond hija l-attur kien jippreferi l-familja tieghu minnha; dwar flus kellha tirrikorri

l-Qorti, izda ghalkemm ghall-ewwel l-attur beda' jaghtiha ammont kemm ordnat lilu biex jaghmel, wara xi sena beda' jnaqqas tali ammont u kollox sbroffa fl-incident imsemmi fejn kien ukoll involut binha. Kien hemm argumenti wkoll fuq ix-xoghol *part time* li l-istess attur kien jaghmel id-dar.

**(II) KONSIDERAZZJONIJIET DWAR RESPONSABBILITA'.**

Illi fil-kawza tar-ragel kontra l-mara din bdiet bl-eccezzjoni ta' indoli preliminari jigifieri n-nullita' tal-kawza fuq il-motiv li l-attur qatt ma giex awtorizzat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili biex jipprocedi ghas-separazzjoni personali. Meta giet biex tispjega dal-punt Alfreda spjegat li l-awtorizazzjoni esibita (Dok. "A1" a fol 14) kienet inghatat aktar minn tliet xhur qabel l-intavolar tal-kawza u kwindi kienet ineffettiva (ara Nota a fol 17). Din l-Qorti waqfet biex tezamina dal-punt. L-attur minn naha tieghu insista li kollox kien ritwali u ccita fir-rigward is-sentenza Kollez XXIV Partikolu II pag 553, jigifieri sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti per Imh. T. Gouder tas-27.04.50 fl-ismijiet **"Loreta Vella vs Freddie Vella"** li tghid li kawza ta' separazzjoni personali ma kinitx istitwita hazin billi d-degriet tas-Sekond' Awla li jkun awtorizza dak il-procediment ikun ilu moghti aktar minn xahrejn meta saret il-kawza. Hawnhekk jigi rilevat li l-konvenuta nghatat diversi differimenti biex tikkumbatti dan, izda ma ressqet xejn.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda anke' abbazi ta' dak li jipprovi l-**artikolu 37 tal-Kap 16** *in vista* tal-fatt li l-konvenuta stess ottjeniet digriet sabiex tipprocedi ghall-separazzjoni personali u ghalhekk l-attur setgha jaghmel kawza huwa skond id-dispozizzjonijiet tas-**subartikolu (3) tal-artikolu 37** citat.

Illi intant fil-kawza odjerna ghandna dawn il-fatti:-

1. Qed nitkellmu minn zwieg celebrat fil-04 ta' Settembru 1965 (mela 37 sena ilu);

2. Il-kontendenti ghandhom bhala dar konjugali l-fond 102 Triq Mannarino B'Kara;

3. Miz-zwieg twieldu tlett ulied u cioe':-

Margaret li twieldet 18 ta' Mejju 1967 (illum spizjara);

Brian li twieled fit-28 ta' Jannar 1969;

Charmaine li twieldet fl-01 ta' Frar 1971.

4. Il-kontendenti sseparaw *di fatto* fl-1990, i.e wara 25 sena zwieg (meta allura r-ragel kellu 48 sena u l-mara 44 sena);

5. Ir-ragel baqa' joqghod interrottament fid-dar konjugali mentri l-mara telqet mid-dar u rrisjediet ghal rasha;

6. B'ittra ufficjali tal-10 ta' Awissu 1990 ir-ragel sejjah lill-mara biex tirritorna d-dar u dan ma sehhx;

7. Hu ovvju li jekk tnehhi l-ewwel snin dan iz-zwieg kien turbulenti hafna.

Illi fil-kawza odjerna l-attur ipoggi bhala mottiv ghas-separazzjoni l-adulterju (**artikolu 38 tal-Kap 16**) eccessi, mohqrija, tehdid, ingurji gravi (**artikolu 40 tal-Kap 16**) u abbandun (**artikolu 41 tal-Kap 16**). Da parti tal-mara, fil-kawza taghha, qed titlob is-separazzjoni abbazi tal-**artikolu 40** u l-*proviso* ta' dan l-artikolu, jigifieri li l-hajja konjugali bejn il-partijiet mhiex aktar possibbli.

Illi dan il-proviso hu llum involut anke' fil-kawza tal-attur jekk tqis il-fakulta' li ghandha l-Qorti fir-rigward skond id-dettami tal-istess ligi.

Illi wiehed jghid bla ezitazzjoni ta' xejn li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u flok *l-affett matrimonjali* hemm bejn il-kontendenti, vicendevolment, mibgheda u ma jistghux jaraw lil xulxin. Fil-fatt il-kontendenti mhux jopponu s-separazzjoni izda naha titfa' l-htija fuq l-ohra.

Illi jekk wiehed jaghsar il-provi jsib li l-lanjanzi ta' naha u ohra huma dawn:-

Illi l-attur jilminta li martu ma kinitx tista' ghal niesu; li kienet wara certu snin ta' zwieg saret u ghadha mara sfrattata; kienet kollha xenati u tghajjir u aktar tard ntilfet wara certu Thomas (Tommy) Spiteri.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuta tilminta li zewgha kien ihalliha nieqsa mill-flus u li kienet imsawta minnu, u mwegga b'ilsienu anke' b'referenza ghall-fatt li missierha kien issuwicida ruhu.

Illi mill-kumpless tal-provi, u wara li ezaminat l-atti proceswali kollha din il-Qorti thoss li ma tistax taqbel ghal kollox ma' dak li kkonkluda l-perit legali fir-rapport tieghu tant li fl-opinjoni taghha, u wara li rat il-versjoni taz-zewg partijiet hija tal-opinjoni li dak li rrizulta (jew ma rrizultax) fil-konfront tat-tnejn, huma s-segwenti:-

a. Illi fl-ewwel lok jirrizulta li l-attur kien ihalli lill-martu nieqsa mill-flus, u mhux l-ewwel darba li l-istess konvenuta kellha tirrikori jew l-Qorti jew inkellha ghall-flus li hija kienet wirtet sabiex tmantni lilha nnfisha u lill-uliedha; fil-fatt sabiex tiehu l-flus sabiex tghix u anke' sabiex iddur madwarha hija kienet kostretta tittallab, fejn l-attur kien irid ikun jaf kollox x'qed taghmel, u meta jhoss jew jidirlu li l-istess konvenuta ma kellhiex tiehu flus kien jaghlaq ghal kollox il-kexxun fejn kien izomm l-istess flus, u mhux l-ewwel darba li refa' idejh fuq l-konvenuta, haga li jidher li anke' binhom ttenta jaghmel almenu fl-ahhar incident meta mbaghad l-konvenuta telqet mid-dar konjugali. Ovvjament li jkun hemm kontroll fuq l-infieq wiehed jifhmu imma l-esegerazzjoni ma hija tajba qatt u jidher li f'dan il-kuntest l-attur kellu jdejh maghluqa, u dan huwa kollu rifless fl-affidavit tal-konvenuta, li ghalkemm l-attur jikkontesta, din il-Qorti thoss li x-xhieda moghtija mill-konvenuta f'dan ir-rigward hija kredibbli u verosimili, u din il-Qorti, kontrarjament ghal dak li ghamel il-perit legali, qed taghtiha l-piz taghha. Ma' dan din il-Qorti zzid il-komportament tal-attur fil-gestjoni tieghu tal-kawza, fejn

jidher car li l-provi kollha li ingabu, *in gran* parti fuq l-adulterju ta' martu, kollha huma immirati sabiex kemm jista' jkun il-konvenuta ma tiehux lanqas is-sehem taghha mill-komunjoni tal-akkwisti, tant li fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu huwa baqa' jinsisti li l-konvenuta ghandha titlef sehma mid-dar konjugali, dar li gawda huwa konsistentement waqt dawn il-proceduri.

b. Illi min-naha l-ohra ma jistax jinghad li l-konvenuta ma ghandhiex id-difetti taghha, u jidher car li hija rribellat ghal din l-attitudini tal-attur specjalment li jidher li dan ried jistringilha l-liberta' taghha f'kollox, mhux biss fi flus izda wkoll fi hrug; ovvjament jidher li l-konvenuta ma kinitx toqghod lura u dahlet f'diversi glidiet bi kliem mal-istess attur u anke' lmentat fuq l-ammont ta' xoghol li l-istess attur kien jaghmel inkuz xoghol *part-time*; bdiet tipprova tahrab mid-dar billi ttieha ghall-hrug barra, bla ma tati soddisfazzjoni u b'hafna stratagemmi. Minn hawn l-affarijiet bdew jisserjaw ghaliex dan wassal ghall-incidenti ta' vjolenza li l-perit legali sostna *"on the whole" hawnhekk Joan Camilleri kienet tispicca minn taht! L-incident tas-sikkina li fih kien involut it-tifel Brian Camilleri ma jistax jigi traskurat, minkejja kull provokazzjoni li seta' kien hemm mill-omm"*; Din il-Qorti thoss li kull incident ta' vjolenza domestika ghandu jigi bl-iktar mod car kundannat, u hekk qed taghmel fil-fatt din il-Qorti bl-iktar mod emfatiku, u kontrarjament ghal dak indikat fir-rapport peritali thoss li dawn l-incidenti, fejn fi kliem il-perit legali l-konvenuta *"kienet tispicca minn taht"* juru li l-attur kien juza l-vjolenza domestika fuq l-konvenuta, u ghalhekk certament li huwa ghandu jinzamm hati ta' dan u fil-fatt din kienet wahda mir-ragunijiet ghaliex l-istess konvenuta kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali.

Illi min-naha tal-konvenuta ma hemm l-ebda dubju li fi kliem l-istess perit legali *"Joan Camilleri spiccat tilfet ghaqlha wara Thomas Spiteri li kien ragel separat mill-mara; ragel li fis-sentenza tas-separazzjoni gie deskritt bhala ghazzien u midjun; kien jikkoabita ma' certa Hilda Callus meta beda anke' jithabbeb ma' Joan Camilleri*; *tnisslet intimita' bejn Thomas Spiteri u Joan Camilleri";*

Illi fil-fatt din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-adulterju tal-konvenuta gie ampjament ippruvat u hawn il-Qorti tirreferi ghall-konkuzjonijiet tal-perit legali dwar l-istess fejn huwa jghid li:-

*"L-imgieba tal-bnedmin ghandha tigi nterpretata b'mod naturali biex la jkun hemm l-apprezzament tal-iblah minn naha wahda u anqas wiehed, minn naha l-ohra, m'ghandu jhalli l-imaginazzjoni tigri bih;*

*"Ir-ritratti Dok. "A1" sa "A23" mal-affidavit ta' Raymond Calleja li gibidhom, a fol 32 tal-process jitkellmu wehidhom. Ittiehdu x'imkien M'Xlokk 'l gewwa u juru lil Joan Camilleri u Thomas Spiteri it-tnejn bil-malji tal-ghawm. Dawn ir-ritratti juru certa tenerezza bejn il-koppja u Calleja zied jghid (bla ma merieh hadd!) dan:-*

*"Hemmhekk ir-ragel li kien ma' mart l-attur neza gharwien quddiemha biex libes il-malja. Hi fl-istess hin nezghet topless quddiem dak ir-ragel biex libset it-top tal-malja. Hi bdiet tidilku bil-cream minn fuq s'isfel"*

*L-attur u Raymond Calleja wara dan irrinfaccjaw lil dik il-koppja. Wara, Joan marret ghand Emanuel u Carmen Camilleri tghidilhom x'kien gralha!*

*"Dan l-incident wiehed izid mieghu l-incident tas-soggorn f' Ghawdex ta' Thomas Spiteri u Joan Camilleri. Joan Camilleri suppost telghet Ghawdex ma' zewgha u ma' l-konjugi Emanuel u Carmen Camilleri u billi Alfred Camilleri ma marx ma' martu, allura dahal is-sostitut Thomas Spiteri. Il-fatt li l-koppja Camilleri jghidu li Thomas Spiteri kien jorqod f'kamra ma' Emanuel Camilleri, mentri Joan Camilleri kienet torqod ma' Carmen mart Emanuel mhux bizzejjed. Ma jassolvix lil Joan;*

*"Ta min isemmi wkoll li meta Hilda Callus (gia' koabitanti ma' Thomas Spiteri) darba marret tfittex lil dan f' Bugibba, fuq il-bejt rat sew hwejjeg ta' dan kif ukoll ta' Joan Camilleri";*

*Fix-xhieda jissemmew fatti ohra li juru kemm kienu saru "close" Thomas u Joan.*

*"Biex jigi soddisfacentement pruvat l-adulterju mhux bilfors li koppja jinqabdu solus et sola, nudus et nuda in eodem lecto. Dan jista' jigi pruvat minn kumpless ta' cirkostanzi. Ma' dak li ga ntqal, ta' min izid li Thomas Spiteri kien jikkoabita ma Hilda Callus u Joan isuccidiet lil Hilda fil- "hbiberija" ma' Thomas. Minn imkien ma jirrizulta li Thomas "irriforma" ruhu, ossia biddel ir-rotta jew "immansa".*

*"Naturalment, fid-dinja tal-lum, hadd ma jista' jaqbad lil hadd minn idu jew minn ghonqu. Ebda ragel ma jista' jzomm lil martu marbuta mieghu kontra r-rieda taghha u vice-versa, izda mbaghad hemm il-konsegwenzi li jitnisslu minn ghemil dak li jkun".*

Illi pero' fil-konkluzjonijiet taghha din il-Qorti thoss li ma tistax taqbel ma' dak li rrelata l-perit legali rigward r-responsabbilita' tal-kontendenti ghall-firda personali fejn huwa sostna li *"in definitiva l-esponent hu tal-fehma li z-zwieg bejn il-kontendenti* :-

*"Tkisser irrimedjabbilment minhabba htija taz-zewg partijiet, maggorment dik ta' Joan Camilleri".*

*"Dil-htija kienet tikkonsisti f'adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tal-mara versu zewgha u ta' mohqrija tar-ragel versu l-mara liema mohqrija kienet tikkonsisti fi vjolenza (qatt gustifikata jew skuzata) anke' jekk quddiem il-provokazzjoni tal-istess mara".*

Illi huwa veru li l-perit legali sostna li:-

*"Meta tqis kollox issib li l-htijiet tal-mara kienu ferm izjed serji izda t-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg ma torbotx percentwali ta' htijiet mieghu. Meta z-zwieg, flok manifestazzjoni tal-principju ut unum sint isir tempesta shieha, allura z-zwieg ikun tfarrak u s-soluzzjoni unika tkun li kulhadd jghix ghar-rasu u r-regim matrimonjali ut sic ma jibqax jezisti iktar".*

*"Ghalhekk mhux biss ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni a mensa et thoro ghall-htijiet imfissra izda ghandu jkun hemm zgancar kompletament tal-kontendenti, it-tnejn jghixu ghal rashom b'indipendenza assoluta minn xulxin u b'ebda obbligu versu xulxin.*

Illi minflok din il-Qorti thoss li minn ezami akkurat tal-provi prodotti jirrizulta li l-istess partijiet huma responsabbli indaqs ghal din il-pronunzjament ta' firda personali bejniethom, u l-agir taz-zewg partijiet lejn xulxin huwa gravissimu, u dan peress li jidher li l-attur huwa hati *verso* l-konvenuta ta' sevizzi, eccessi, krudelta', inkluz swat u vjolenza domestika, u ngurji gravi fil-konfront tal-konvenuta, u hawn il-Qorti tirriafferma dak li ilha tghid fis-sentenzi taghha, li l-ebda tip ta' vjolenza ma ghandha u ma hija qed tigi tollerata, u f'dan il-kuntest jidher li l-attur ma qghadx lura, anzi jidher car li involva lill-uhud minn uliedu f'dan l-attagjament ta' stmerrija li l-Qorti bis-sahha kollha li ttieha l-ligi tikkundanna bla riservi, fil-waqt li min-naha l-ohra l-konvenuta hija hatja *verso* l-attur ta' adulterju, u eccessi, u theddid, u f'dan ir-rigward jinghad li l-konvenuta adirittura marret in-naha l-ohra u agixxiet bir-relazzjoni li qabdet ma' terza persuna bl-aktar mod irrisponsabbli, *stante* li l-adulterju fih innifsu huwa wiehed mill-iktar atti gravi kontra l-istitut taz-zwieg.

**(III)** <u>**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI.**</u>

Illi jidher li l-gid tal-kontendenti jikkonsisti f'dan:-

a. Id-dar konjugali 102, Mannarino Rd., B'Kara, originarjament mixtrija Lm4,000;

b. Dak li hemm fid-dar;

c. Depositi bankarji;

d. Vetturi;

Illi dwar dawn il-perit legali ssostna li *"wiehed ghandu jikkonsidra dan fuq l-isfond li l-konjugi ilhom separati de*

*facto sa mill-1990 u kwindi mhux il-kaz li wiehed jikkonsidra xi flus kontanti. Jitqies ukoll li certa precizjoni matematika hi mposibbli u fir-rigward, ghandu japplika l-principju li l'ottimo e' il nemico del bene".* Dan huwa iktar relevanti meta wiehed jikkonsidra li din il-kawza ilha pendenti quddiem il-Qorti diversament presjeduta ghall-fuq minn tnax-il sena.

Illi intant jirrizulta li Joan Camilleri kellha xi flus qabel iz-zwieg u anke' wirtet, matul iz-zwieg sew lill-genituri kif ukoll lil zijietha Georgina Sammut. Din mietet testata fit-30 ta' Awissu 1993 u halliet eredi fi kwoti ndaqs lil erba' ahwa Sciberras fosthom lil Joan Camilleri nee' Sciberras. John Cutajar, esekutur testamentarju tad-*decuius*, qal (a fol 285) li hu kien ta lil Joan Camilleri Lm5,300 bhala sehemha.

Illi dwar id-dar konjugali jidher li hu inkontestat, li din hi tal-komunjoni. In fatti Joan Camilleri tghid li meta sar l-akkwist hi silfet ossia harget xi flus parafenali pero' wara r-ragel raddhomlha mill-flus tal-komunjoni u dal-flus parafernali hi nvestiethom.

Illi jidher ghalhekk il-fond 102, Mannarino Road, Birkirkara li gie stmat mill-Perit Tekniku David Pace fil-25 ta' Settembru 2001 u valutata fl-ammont ta' Lm82,000, ma ghandux jibqa' kkonsidrat bhala l-fond matrimonjali, u ghalhekk din il-Qorti tordna l-bejgh in subbasta tal-istess u r-rikavat ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi dwar id-depoziti bankarji din il-Qort taddotta r-raggonament tal-perit legali meta sostna li *"meta nigu ghad-depoziti l-esponent hu tal-fehma, mill-gdid l-esponent jemmen li l-otimo e' il nemico del bene, li dak li ghandha tiddikjara din l-Onorabbli Qorti hu li":-*

*a.Id-depoziti f'isem Alfred Camilleri huma tieghu u jista' jiddisponi minnhom kif irid, esklussivament.*

*b. Id-depoziti f'isem Joan Camilleri huma taghha u tista' tiddisponi minnhom kif trid, eskussivament hi.*

*c. Xi depoziti f'isem Alfred u Joan Camilleri konguntament, ghandhom jinqasmu 50:50, u nofs ikunu ta' Alfred Camilleri u nofs ta' Joan Camilleri u wara l-qasma allura kull parti tiddisponi kif trid hi, esklussivament, minn nofs taghha"*

Illi din il-Qorti taddotta l-istess raggonament b'dan li tiddikjara li d-depoziti bankarji kollha f'isem l-attur qed jigu assenjati lilu, d-depoziti bankarji kollha f'isem il-konvenuta ghandhom jigu assenjati lilha, u d-depoziti bankarji f'isem iz-zewg partijiet ghandhom jigu apporzjonati nofs bin-nofs bejn l-istess partijiet;

Illi dwar il-vetturi indikati fix-xhieda fl-atti processwali din il-Qorti tassenja lil Alfred Camilleri l-vettura licenzjata f'ismu u Joan Camilleri izzomm bhala taghha il-vettura licenzjata f'isimha.

Illi l-istess dwar oggetti fid-dar konjugali fejn l-istess perit legali qal li rrizulta li Joan Camilleri wara li harget mid-dar fl-1990, marret diversi drabi u harget jew hadet "hwejjigha". Jidher li llum ghandu jigi accettat, bhala stat ta' fatt, li dak li hemm fid-dar ta' Mannarino Rd., jibqa' jappartieni lil Alfred Camilleri. Joan Camilleri qatt ma ppretendiet li hemm gew hemm xi oggetti ta' valur partikolari (e.g. ghamara antika, oggetti prezzjuzi ecc). Minn tanx–il sena 'l hawn dak introdott gdid fid-dar dahhlu zgur Alfred Camilleri (jew possibbilment dahhluh it-tfal) u affarijiet ta' qabel min jaf f'liema stat jinsabu wara ghadd ta' snin mill-akkwist u wara l-uzu legittmu. Illi din il-Qorti taqbel mal-premess hlief biss li l-konvenuta ghandha tigi assenjata sett tas-salott tal-kewba stil Regency, l-kamra tal-pranzu ta-kewba stil Regency, s-sett tas-sodda principali tal-kewba, magna tal-hjata Singer u typewriter bhala parti minn sehma mill-istess mobbli kemm bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll bhala parafernali taghha kif indikat minnha fl-affidavit taghha tat-18 ta' Gunju 1992.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak premess u hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss in parte** u biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghall-htijiet imputabbli ugwalment liz-zewg partjiet u tiddikjara li l-attur huwa hati *verso* l-konvenuta ta' sevizzi, eccessi, krudelta', inkluz swat u vjolenza domestika, u ngurji gravi fil-konfront tal-istess konvenuta, fil-waqt li min-naha l-ohra l-konvenuta hija hatja *verso* l-attur ta' adulterju, u eccessi, u theddid, b'dan li kawza tal-istess z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partjiet.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li b'applikazzjoni tal-**artikolu 52 tal-Kap 16** li fil-konfront tal-partijiet u kontra kull parti f'din il-kawza ghandhom jigu applikati *in toto* d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** b'dan li ghall-fini tal-**artikolu 48 (1) (c)** d-data meta l-istess kontendenti taw lok ghall-firda hija dik ta' Awissu 1990.

3. Tichad din it-talba *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt u wkoll dwar id-divizjoni tal-komunjoni japplika dak li ser jinghad f'din is-sentenza konsegwenti ghar-raba' talba attrici.

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti b'effett mill-10 ta' Awissu 1990 u tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti, billi:-

(a) Tordna l-bejgh in subbasta tal-fond 102, Mannarino Road, Birkirkara u r-rikavat tal-istess ghandu jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet b'dan li l-istess fond ma ghandux jibqa' jigi kkonsiddrat bhala l-fond matrimonjali.

(b) Tordna li d-depoziti bankarji kollha f'isem l-attur jigu assenjati lilu, fil-waqt li d-depoziti bankarji kollha f'isem il-konvenuta ghandhom qed jigu assenjati lilha, u d-depoziti bankarji f'isem iz-zewg partijiet ghandhom jigu apporzjonati nofs bin-nofs bejn l-istess partijiet;

(c) Illi dwar il-vetturi indikati fix-xhieda fl-atti processwali din il-Qorti tassenja lill Alfred Camilleri l-vettura licenzjata f'ismu u Joan Camilleri izzomm bhala taghha xi vettura licenzjata f'isimha.

(d) Illi dwar il-mobbli kollha li hemm fid-dar 102, Mannarino Road, Birkirkara dawn kollha qed jigu assenjati lill-attur bhala parti minn sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti, fil-waqt li l-ghamara konsistenti f'sett tas-salott tal-kewba stil Regency, l-kamra tal-pranzu ta-kewba stil Regency, s-sett tas-sodda principali tal-kewba , magna tal-hjata Singer u typewriter qed jigu assenjati lill-konvenuta kemm bhala parti minn sehma tal-istess mobbli fil-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll in parti bhala beni parafernali taghha, u *stante* li l-ahhar oggetti hawn imsemmija huma fil-pussess tal-attur tikkundanna lill-attur sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jikkonsenja l-istess oggetti hawn specifikatament indikati lill-konvenuta.

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------